MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 609/2005

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Joe Camilleri**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-4 ta' Marzu 2005 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi ikkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' seba' mija disgha u tmenin Liri Maltin u tmien centezmi (Lm789.08), liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici in kwantu ghall-ammont ta' Lm392.85 ma' servizz telefoniku li jgib in-numru 21658523 (a/c10156246) u in kwantu ghall-ammont ta' Lm396.23 ma' servizz telefoniku li jgib in-numru 21657104 (a/c 10166355) liema servizz gie installat fil-fond "Tropical Discount Store" Triq l-Ghanneja, Birzebbuga (AT495/75 – CN319056) skond diversi kontijiet mibghuta lilu, prospett hawn anness markat Dok. A, Dok. B, Dok. C u kuntratt relattiv markat Dok. D.

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina il-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta' l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta' l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija disgha u tmenin Liri Maltin u tmien centezmi (Lm789.08), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------